# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa 3 ta' Mejju, 2023**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 31/2022 ISB**

**Andres Hermet, fil-kapaċita` tiegħu bħala stralċjarju tas-soċjeta' reġistrata fl-Estonia Envestio SI OÜ** (Reg. No. 14433607) u in rappreżentanza tal-istess

**vs**

XNT Limited (C 52182)

**DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GĦAR-RIKORS IMRESSAQ MINN XNT LIMITED FIL-11 TA' NOVEMBRU 2022 SABIEX TIDDIKJARA R-RIKORS PROMOTUR IRRITU U NULL U TASTJENI MILLI TIEĦU KONJIZZJONI ULTERJURI TIEGĦU**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **XNT Limited**, intavolat fil-11 ta' Novembru 2022 (fol 43) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

*...tiddkjara r-rikors fl-ismijiet premessi irritu u null u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-**risposta** ta' **Andres Hermet**, intavolata fil-5 ta' Diċembru 2022 (fol 47).

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2023, il-partijiet trattaw ir-rikors u bi qbil mal-istess difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum sabiex jinghata dan id-dgiret fil-miftuh.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-**rikors** odjern is-soċjeta' **XNT Limited** talbet lil din il-Qorti tiddikjara r-rikors promotur bħala irritu u null u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Primarjament, issostni li f'dan il-każ il-kontumaċja ma tapplikax stante li l-proċeduri odjerni m'humiex proċeduri formali imma proċeduri istitwiti b'mera rikors.

Tikkontendi li l-azzjoni ta' Andres Hermet hija insostenibbli stante li ma jirriżultax b'mod ċar x'tip ta' azzjoni hi. Tispjega li hemm possibilita` li din il-kawża qed issir taħt l-artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm dan ma jirriżultax la mill-premessi u lanqas mit-talbiet.

Sussidjarjament, is-soċjeta' XNT Limited tikkontendi li hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex m'għandha l-ebda interess ġuridiku fil-każ stante li l-kawża deċiża mill-Harju County Court fl-Estonia ma ġietx istitwita fil-konfront tagħha.

Tikkontendi li jekk kemm -il darba l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 826 tal-Kap 12, l-azzjoni hija waħda nulla minħabba li t-tieni talba tmur oltre` dak provdut fl-imsemmi artikolu.

Tikkontendi li jekk kemm -il darba l-azzjoni mhix ibbażata fuq dan l-artikolu, dawn il-proċeduri huma nulli stante li ma ġewx inizzjati b'rikors ġuramentat.

Tgħid li l-argument ta' Andres Hermet li l-azzjoni ġiet istitwita taħt l-artikolu 250(b) tal-Kap 386 ma jreġix stante li l-artikolu jikkontempla proċeduri inizzjati f'Malta fejn tiġi ordnata l-istralċ ta' kumpanija li mhux il-każ fil-każ odjern.

**Fit-trattazzjoni** tagħha, is-soċjeta' **XNT Limited** tgħid li resqet ir-rikors odjern sabiex tispjega r-raġunijiet għala tixtieq tintavola risposta fil-proċeduri odjerni u filfatt l-aggravji tal-istess soċjeta' ġew elenkati fl-istess rikors li qed titlob lil Qorti tqis bħala r-risposta tagħha.

Tikkontendi li r-rikors promotur huwa intiż biex is-soċjeta' XNT Limited tagħmel xi ħaġa u għalhekk Andres Hermet kellu jimxi bil-proċedura ta' rikors ġuramentat. Oltre` minn hekk, kawża sabiex tenforza sentenza minn Qorti barranija trid issir kontra l-partijiet f'dik il-kawża u f'dan il-każ is-soċjeta XNT Limited ma kinitx parti mill-proċeduri.

Tikkontendi li din it-tip ta' proċedura trid tieqaf hawn u ma jistax ikun hemm talbiet ulterjuri. Għalhekk ir-rikors kif magħmul huwa non-segwitu mill-bidu u bl-ebda mod ma hu sanabbli.

Minn naħa tiegħu, ir-rikorrent promotur **Andres Hermet** isostni li t-talbiet tas-soċjeta' XNT Limited kif imressqa fir-rikors tagħhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda. Jikkontendi primarjament li r-rikors tas-soċjeta' XNT Limited huwa irritu u null u dana stante li l-lanjanzi mressqa mill-istess kellhom jiġu sollevati bħala eċċezzjonijiet u mhux permezz ta' rikors f'dan l-istadju. Jgħid li s-soċjeta' XNT Limited qatt ma ppreżentat risposta formali, u hija kontumaċi, u għalhekk ċertament li ma tistax tiġi f'dan l-istadju u ssotni li r-rikors promotur huwa null.

Jispjega li s-sentenza tal-Qorti ta' Hajru, Tallinn, l-Estonia hija direttament esegwibbli u għandha effett sħiħ f'Malta mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri ta' eskuzzjoni ai termini tar-*Regolament (UE)* ***2015/848*** *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċediment ta' insolvenza (tfassil mill-ġdid)*, u b'hekk jista' jiġi direttament applikat mill-Qorti. In sosten ta' dan jikkwota l-artikolu 19, 20 u 21 tal-istess regolament. Isostni għalhekk li l-azzjoni odjerna mhix waħda li qed issir taħt l-artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li s-soċjeta` fl-Estonia Envestio SI OU ġiet iddikjarata falluta fl-Estonia permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' Talinn u Andres Hermet ġie appuntat bħala stralċjarju – liema deċiżjoni għandha effett immedjat mingħajr il-bżonn ta' formalitajiet ulterjuri u b'hekk semmai l-ewwel talba fir-rikors promotur tista` tingħad li hi superfluwa iżda ċertament li ma twassalx għan-nullita tal-istess rikors.

Isostni li la darba l-ordni ta' stralċ għandha effett immedjat, m'għandu jkun hemm ebda dubju dwar l-awtorizzazzjoni ta' Andrew Hermet sabiex jeżerċita l-poteri tiegħu fil-konfront tad-debituri tal-kumpanija stralċjata. Jikkontendi li s-soċjeta XNT Limited aċċettat u ssottomettiet ruħha għall-proċeduri mressqa mingħajr qatt ma ntavolat l-eċċezzjonijiet tagħha.

Fir-rigward tan-nullita` tal-proċedura ai termini tal-Artikolu 250 tal-Kap 386 minħabba li ma sarux b'rikors ġuramentat jgħid li r-rikors promotur kif intavolat huwa validu stante li (1) il-liġijiet sostantivi applikabbli huma l-liġijiet tal-Estonia, mentri huma l-liġijiet proċedurali li huma ta' Malta, (2) l-Artikolu 250 tal-Kap 386 ma jammontax għal dritt sostantiv iżda propju għall-applikazzjoni proċedurali tad-dritt sostantiv mogħti lilu permezz ta' sentenza Estonjana, (3) il-liġi tal-Estonia tagħti lill-likwidatur dritt espliċitu sabiex jitlob id-dokumentazzjoni rikjesta, u (4) tkun tammonta għal diskriminazzjoni jekk il-Qorti tapplika liġi partikolari favur soċjeta' Maltija iżda ma tħallix li tali proċedura tiġi adoperata minn kumpanija Estonjana.

Jikkontendi li l-Kap 386 jagħmel distinzjoni kbira bejn l-azzjonijiet li jirrikjedu li jiġu intavolati permezz ta' rikors ġuramentat u dawk l-azzjonijiet li jiġu intavolati permezz ta' rikors u huwa ċar li f'dan il-każ l-azzjoni għandha tiġi eżerċitatha permezz ta' rikors.

Fit-trattazzjoni tiegħu, id-difensur ta' Andres Hermet jibda biex jgħid li jekk kemm -il darba is-soċjeta' XNT Limited tixtieq li r-rikors odjern jitqies bħala r-risposta tagħha, hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan.

Jikkontendi li ai termini tar-Regolament 2015/848 (fuq ċitat) la darba kumpanija ġiet dikjarata in likwidazzjoni fi stat membru, dik is-sentenza hija waħda li tingħata effett dirett fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi u għalhekk hawn Malta wkoll. Jispjega li biex il-likwidatur ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu għandu bżonn informazzjoni u la darba mhux qed jafda d-diretturi tal-kumpanija likwidata li jagħtuh dik l-informazzjoni jeħtieġ idur fuq kull min għandu informazzjoni u jitlobha. Għalhekk saret it-talba kif dedotta fir-rikors promotur ai termini tal-artikolu 250 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għax-xewqa li r-rikors odjern jitqies minn din il-Qorti bħala r-risposta tagħha għall-proċeduri odjerni. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li meta fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' XNT Limited ġiet meqjusa fi stat ta' kontumaċja, kien hemm rappreżentant legali taghha u ma seret ebda opposizzjoni jew riżerva. Id-dikjarzzjoni maghmula u verbalizzata ghalhekk f'dik l-udjenza, fis-sens illi is-socjeta' intimata qed titqies fi stat ta' kontumacja tibqa' valida.

Illi safejn is-soċjeta' XNT Limited tirreferi għall-Artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li dan l-artikolu mhuwiex applikabbli għall-proċeduri odjerni u li qatt ma kien hemm l-intendiment minn naħa tar-rikorrent Andres Hermet noe. li jkun hekk. Anzi huwa ċarissimu kemm għaliex jirriżulta mill-atti kif ukoll f'moħħ il-Qorti li l-proċedura odjerna saret ai termini tal-**Artikolu 250(b) tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk kull pretensjoni u talba tas-soċjeta' XNT Limited f'dan ir-rigward ser tiġi miċħuda.

L-Artikolu 250(b) tal-Kap 386 jgħid testwalment hekk:

> ***250***.*Il-qorti tista', f'kull żmien wara ordni għal stralċ, teħtieġ –*
>
> *(b) kull persuna li tkun qed iżżomm f'idejha xi flus, proprjetà jew records tal-kontijiet u dokumenti liprima facie jkollha jedd għalihom il-kumpanija, li tħallas, tikkonsenja, tittrasferixxi jew xort'oħra tgħaddi dawk il-flus, proprjetà, records tal-kontijietjew dokumenti lill-istralċjarju minnufih jew f'dak iż-żmien kif tordna l-qorti.*

Issa, dwar in-nullita` tal-proċeduri stante li ma sarux b'rikors ġuramentat, din il-Qorti ssostni l-posizzjoni li ħadu l-Qrati tagħna fil-konsiderazzjoni ta` eċċezzjonijiet ta` nullita` ta` atti fi proċedimenti gudizzjarji. Specjalment wara l-emendi ghall-Kap 12 li saru bl-Att XXIV tal-1995, il-formalizmu tal-att kien arginat u ridimensjonat abbazi tal-principju illi kemm jista` jkun l-atti ghandhom jigu salvati. Kif inghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. LXXXI.III.31**:

> *"In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas, formali jew sostanzjali, fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

Isegwi ukoll pero` illi l-Artikolu 250 tal-Kap 386 bl-ebda mod ma jistipula jew jindika li l-proċedura għandha tiġi inizjata b'rikors ġuramentat u la darba mhix stipulata isegwi li l-leġislatur ma riedx li jkun hemm necessarjment rikors ġuramentat u wara kollox japplika l-prinċipju illi *ubi lex voluit dixit.*

Oltre' minn hekk, l-Artikolu 250 tal-Kap 386 bl-ebda mod ma jindika li l-ordni ta' stralċ trid tkun waħda li saret minn Qorti Maltija jew wara proċeduri inizjati f'Malta. B'hekk, mingħajr ma tidħol fil-mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti hi tal-fehma li bl-ebda mod mhu qed tiġi eskluża l-possibilita` li l-ordni ta' stralċ tkun saret f'ġurisdizzjoni oħra ta' Stat Membru iżda jkun hemm bżonn li titwettaq xi proċedura fil-ġurisdizzjoni Maltija.

**GHADASTANT, wara illi ghamlet il-fuq konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad it-talba tas-soċjeta' XNT Limited kif kontenuta fir-rikors tagħha tal-11 ta' Novembru 2022.**

**Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ispejjeż mal-provvediment finali.**

Digriet moghti fil-Qorti miftuha illum, l-Erbgha, 3 ta' Mejju 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**